



9.5.2012

0020/2012

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa

**Petru Constantin Luhan, Vilija Blinkevičiūtė, Ádám Kósa, Riikka Manner, Marisa Matias**

Data ta' skadenza: 13.9.2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi madwar 600 000 Ewropew ibatu mill-isklerożi multipla (MS), li hija l-aktar marda newrdegenerattiva komuni u hija kawża ewlenija tad-diżabbiltajiet mhux trawmatiki fl-adulti żgħar;
  - B. billi ħafna min-nies li jinstab li għandhom l-MS ikunu fl-aqwa snin tal-karriera tagħhom, u kważi nofshom jitolqu mid-dinja tax-xogħol fi żmien tliet snin wara d-dijanjożi;
  - C. billi fl-Ewropa insibu diskrepanzi tremendi fl-aċċess għal trattamenti li jimmodifikaw il-mard u għal kwalità tal-kura, li marru għall-aġar f'dawn l-aħħar xhur;
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
    - jinkuraġġixxu, fi ħdan il-qafas tal-Orizzont 2020, kollaborazzjoni xjentikifa eqreb u riċerka komparattiva dwar l-MS;
    - jippromwovu, fil-Proċess ta' Riflessjoni tagħhom dwar il-Mard Kroniku, l-aċċess ugwali għat-trattament u politki tal-impjeg flessibbli għal nies b'mard newroloġiku kroniku bħall-MS;
  2. Jistieden lill-Istati Membri biex:
    - pereżempju, isaħħu l-aċċess ugwali għall-kura ta' kwalità, billi jużaw għodod ċertifikati għat-taħriġ edukattiv bħall 'MS Nurse Professional' biex jiżviluppaw, jistandardizzaw u jevalwaw it-taħriġ speċjalizzat għall-infirmiera;
    - jappoġġaw ir-Reġistru Ewropew għall-MS billi jinkuraġġixxu l-ġbir tad-data tal-pazjenti fil-livell nazzjonali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.